# Kunsill Lokali – Ta' Xbiex

# Rapport Amministrattiv Sena 2019

## 1.0 Il-Kunsill

Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex, raħal b'popolazzjoni ta' madwar 1,921 huwa magħmul minn ħames kunsillieri eletti. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbilitajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, minn Jannar sa Mejju kienet immexxija min Deputat Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza ta' skrivan part time u żewġ Assistent Uffiċjal Principali. Il-kumplament tas-sena kien immexxi mis-Segretarju Ezekuttiv bl-assistenza ta' skrivan full time u mpjegata oħra bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill elett matul din il-leġislatura beda jopera b'effett mill-1 ta' Lulju, 2019. Din il-leġislatura hija ppjanata li jkollha terminu ta' ħames snin, jiġifieri sas-sena 2024, bħala parti minn proċess li se jġib it-terminu ta' leġislatura, dak ta' ħames snin għal kull Kunsill Lokali.

## 1.1 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill.

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2019 nżammu 13-il laqgħa. L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt:

Tabella tal-attendenza tal-Kunsillieri

L-attendenza tal-Kunsillieri minn Jannar sa Ġunju 2019

| Kunsillieri | Laqgħat | Preżenti | Skużat/a | Assenti | % ** |
|---|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku Max Zammit | 7 | 7 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Viċi Sindku Ronald Portelli | 7 | 7 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Frank Roe | 7 | 7 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Eugenio Muscat | 7 | 7 | | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti | 7 | 4 | 3 | 0 | 57.14% |

L-attendenza tal-Kunsillieri minn Lulju sa Diċembru 2019

| Kunsillieri | Laqgħat | Preżenti | Skużat/a | Assenti | % ** |
|---|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku Max Zammit | 6 | 6 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Viċi Sindku Oriana Calleja | 6 | 5 | 1 | 0 | 83.3% |
| Il-Kunsillier Ronald Portelli | 6 | 6 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti | 6 | 5 | 1 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Eugenio Muscat | 6 | 6 | 0 | 0 | 83.3% |

** Persentaġġ maħdum fuq il-laqgħat li għalihom il-Kunsillier kien preżenti

## 2.0 Il-Ħidma tal-Kunsill

Matul din is-sena intbagħtu mas-6,000 ittra u korrispondenza oħra, filwaqt li ġew iproċessati mal-1438 permessi dwar xogħlijiet varji fil-lokal. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, *scaffoldings*, attivitajiet, tqegħid ta' skips u tħaffir ta' toroq.

Kemm ir-residenti kif ukoll nies li joqgħodu f'lokalita' oħra għandom il-faċilita' li jiġu jħallsu l-pagamenti taċ-ċitazzjonijiet, *trade licence*, il-kera tal-gvern kif ukoll il-permessi tat-*Trenching* li jinħarġu mit-Transport Malta.

Il-Kunsill jieħu ħsieb l-ilmenti, li l-maġġoranza jkunu ta' xi bozzoz maqtugħin għaldaqstant il-Kunsill jiċċekja hekk il-bozza hux tal-gvern jew tal-kunsill imbagħad l-iskrivan jieħu ħsieb li jirraportaha lil persuna ikkonċernata. L-iskrivan jibqa jagħmel *follow up* sakemm il-ħsara tkun issewwiet.

Fl-Uffiċju tal-kunsill għandna ukoll diversi applikazzjonijiet differenti u hekk ċittadin ma jsibx l-applikazzjoni li jkun qed iffitex u nistgħu naċċesawa *online* nieħdu ħsieb li nsibuha u nipprintjawa. Ġieli kien hemm każżijiet ukoll li jkun hemm bżonn ngħinu liċ-ċittadin biex jimla l-applikazzjoni.
Il-kunsill bħal kull sena ħadem ħafna biex jkollu ambjent nadif u sabiħ. Għaldaqstant matul sena nieħdu ħsieb ukoll li l-kurduni u *round abouts* ikunu bil-fjuri u li jsir *trimming* tas-siġar biex dejjem nagħtu dehra isbaħ lil lokalita'. Il-Kunsill Lokali għamel roster lill-kennies biex jigwidah liem toroq għandu jiknes skond il-ġurnata. Tajjeb ngħidu li t-toroq prinċipali jiġu miknusa darbtejn fil-ġimgħa.

Ta' kuljum jinġabar l-iskart minn wara l-bieb tan-nies, dejjem naraw li l-kollettur qed jimxi skond l-iskeda tal-ġbir tal-iskart u hekk ikun hemm xi borża li nfetħet naraw li din tiġi miknusa mil-istess kuntrattur li jiġbor l-iskart. Il-Kunsill ħadem ħafna biex dejjem jeduka lir-residenti biex iħeġġiġhom biex jisseparaw l-iskart u dejjem ġibed l-attenzjoni lil dawk ir-residenti li joħorġu l-iskart mhux fil-

ġurnata skond l-iskeda li għandhom.

Servizz ieħor li jgħati il-kunsill huwa il-ġbir tal-iskart goff. Kull resident li għandu bżonn dan is-servizz, jċempel lill-Kunsill u nkunu nistgħu niġbruh il-Ħamis ta' wara.

## 2.1 Korrispondenzi varji mit-Residenti

Matul is-sena 2019, il-Kunsill irċieva korrispondenza varji mir-residenti kemm ilmenti kif ukoll suġġeriment. 95% tal-ilmenti u suġġerimenti ġew magħluqa, filwaqt li 5% baqgħu ma ġewx solvuti sal-aħħar tas-sena 2019. Dawn il-figuri jixhdu li l-Kunsill jirreġistra bir-reqqa kull korrispondenza li jasallu, għalkemm ikun selettiv fir-reġistrazzjoni ta' ilmenti anonimi. Din is-sistema tgħin lill-Kunsill biex ikun iktar kontrolabbli fir-rigward tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista' jżomm kontroll tal-ilmenti li jkunu għadhom pendenti.

Il-parti l-kbira tal-ilmenti ġew magħluqa permezz ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-*Industrial Projects and Services Ltd.* (RSSL) u tal-*Community Worker Scheme (CWSEF).*

## 2.2 Kuntatt

Bil-għan li jinżamm kuntatt mar-residenti, il-Kunsill jibgħat diversi ittri, jagħmel aġġornament fuq *notice boards* u jaġġorna il-paġna ta' *Facebook*. F'nofs is- sena il-kunsill ħareġ bulletin fejn kull kunsillier għadda l-messaġġ tiegħu u kien hemm spjegazzjoni ta' xogħlijiet li kienu saru dik is-sena kif ukoll isemmew xi proġetti li kien hemm pjanat li jsir. Il-Kuntatt mar-residenti kompla jinżamm ukoll
ħaj billi l-kunsill organiżża ħruġ kulturali, rikreattiv kif ukoll edukattivi. B'dawn il-ħruġ mhux biss iżomm relazzjoni tajba mar-residenti imma r-residenti jkollhom opportunita' fejn jiltaqaw ma nies ġodda u jagħmlu ħbieb mil-istess lokalita'.

Saru diversi laqgħat ma numru ta' entitajiet governattivi kif ukoll ministeri kif ukoll organiżżazzjonijiet u awtoritajiet.

### Xogħol ieħor

(a) Ġew organiżżati Korsijiet tar-*robotics* fejn setgħu jattendu għalieh it-tfal akkumpanjati man-nanniet/zijiet/ġenituri - Fejn attendew għalih ma 20 persunaadulta u 20 tifel/tifla. Dawn saru fix-xahar ta' Novembru u Diċembru 2019 ġewwa il-kunsill.

(b) Intlaqgħu 1038 talba mir-residenti biex jinġabar Skart Goff (Bulky Refuse)

minn wara l-bibien tad-djar residenzjali.

(c) Kien hemm 186 residenti li ħadu l-vaċċin tal-influenza. Dan immarka 17 il- persuna iżjed li wżaw dan is-servizz meta pparagunat mas-sena ta' qabel

(d) Ġewwa l-Kunsill Lokali r-residenti għandhom l-użu tal-berġa, fejn din tkun miftuħa kull nhar ta' Erbgħa bejn 9.15am u 10.30am. Waqt il-ħin tal-berġa ikun hawn *nurse* biex min irrid tkun tista tiċċekjalu l-pressjoni, zokkor u tagħmilhom appuntamenti għal darbohra. Waqt il-ħin tal-berġa ikun hawn ukoll it-tabib/a fejn tara r-residenti hekk ikollhom xi riħ u tiktbilhom ukoll ir-riċetti.

## 2.3 Jum Ta' Xbiex u Connecting Through Culture

Fis-sena 2019, Jum Ta' Xbiex sar għal ewwel darba flimkien mal-attivita' ta' Connecting Through Culture nhar is-Sibt 28 ta' Settembru, fejn sar spetaklu ta' kant, żfin u jkun hemm ikel u xorb b'xejn. Fil-bidu tas-serata is-Sindku Max Zammit għamel intervent qasir u wara tajna l-premju ta' Ġieħ Ta' Xbiex. Din is- sena bidilna ukoll s-sistema li konna nużaw biex nagħtu dan il-premju. Waqt laqgħa tal-kunsill kull kunsillier issuġġerrixxa lil min għandna nagħtu Ġieħ Ta' Xbiex u bħala kunsill iddeċidew li jingħata lis-Sinjuri Zahra minħabba li jagħmlu
ħafna xogħol fil-komunita' ta' Ta' Xbiex. Biex nagħlqu Jum Ta' Xbiex, il-Ħadd 30 ta' Settembru 2019 iċċelebrajna l-quddiesa ta' Radd il-Ħajr fejn attendew ħafna nies mil-lokalita'.

## 2.4 Xogħlijiet Infrastrutturali

Wara diversi laqgħat bejn is-Sindku u c-Chairman tal-Awtorita' tad-Djar. F'Jannar 2019 l-Awtorita' tad-Djar infurmatna li sitt blokkok mil-lokalita' tagħna ser jibbenefika minn fondi li se jiprovdulhom biex jirranġaw il-komun tal-blokka. Għaldaqstant il-kunsill għamel ftehim mal-Awtorita' tad-djar biex ngħinu lil amministrattur biex insibu kuntratturi li jagħmlu x-xogħlijiet li hemm bżonn isiru.

Fi Frar 2019 bdejna xogħlijiet ta' Embellishment quddiem Blk E5 Triq Abate Rigord u Triq il-Halġ bejn Blk D5 u C5. Bis-saħħa ta' dawn il-proġetti ħa nsebbħu
ħafna aktar l-ambjent u residenti se jgawdu minnu billi fil-ħin liberu tagħhom jmorru bilqeda fuq bank f'ambjent ġdid u msebbaħ bis-sigar u fjuri. Dawn iż-żewġ proġetti mistennija jkunu lesti sal-aħħar ta' xahar ta' Frar.

Minn mindu t-toroq waqaw taħt il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, l-Kunsill talab biex jinbidlu xi toroq. F'Mejju bdew ix-xogħlijiet fi Triq Imradd u wegħduna ukoll li se jbidlu Triq ix-Xatt Ta' Xbiex ukoll.

## *2.5 Milied*

Bħas-snin ta' qabel il-Kunsill reġa żejjen Triq Prinċipessa Margerita, Triq Abate Rigord, Vjal Sir Temi Zammit u Triq ix-Xatt b'dekorazzjonijiet tal-Milied. Dawn it-tiżjin tal-Milied żejnu t-toroq ta' Ta' Xbiex għal xahrejn bejn Novembru 2019 u Jannar 2020. Il-Kunsill rċieva kummenti possitivi ħafna kemm mir-residenti kif ukoll min nies li jgħixu minn barra l-lokal. Bħas-sena l-oħra organizzajna attivita' tal-Milied nhar il-Ħadd 22 ta' Diċembru 2019. Sfortunatament nofs l-attivita' kellha titħassar minħabba raġunijiet ta' maltemp. Tajjeb ngħidu li għalkemm kien il-maltemp xorta waħda attendew numru kbir ta' nies.

## *3.0 Finanzi*

Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2019 jinsab anness ma' dan ir-rapport bħala ANNESS 1. Hawn taħt wieħed għandu jsib tabella li tikkompara d-dħul u l-infiq għas-snin 2019 u 2018

Statement of Comprehensive Income For the year ended 31 December 2019

| | 2019 | 2018 |
|---|---|---|
| | Euro | Euro |
| | | |
| Income | | |
| Funds received from central government | 272,541 | 255,915 |
| Income raised under Local Council Bye- Laws | 24,489 | 18,480 |
| Income raised under Local Enforcement System | 13,269 | 3,368 |
| General Income | 1068 | 1,599 |
| | 311,367 | 279,362 |
| | | |
| Expenditure | | |
| Personal emoluments | (95,491) | (96,465) |
| Operations and maintenance | (99,960) | (92,733) |
| Administration and other expenditure | (100,334) | (109,556) |
| Finance Cost | (2495) | (3,207) |
| | (298,280) | (301,961) |
| | | |
| Surplus/(deficit) for the year | (13,087) | (22,599) |

## *4.0 Konklużjoni*

**Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lis-Sindku, Viċi Sindku, kunsilliera, impjegati u lill-ħaddiema tal-Kunsill, tal-kollaborazzjoni tagħhom, għaliex dan ix-xogħol kollu maħsub u ppjanat mill-Kunsill seta' jitwettaq biss permezz tal-ħidma tagħhom.**



**Yasmine Tonna**

**Segretarju Eżekuttiv**